

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Jannar 2014 — ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-6/14)**

(2014/C 85/48)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti:* ZZ (rappreżentant: F. Van der Schueren, avukat)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni li tirrifjuta lir-rikorrenti l-għoti ta' pensjoni tas-superstiti wara l-mewt tal-ex konjuġi tagħha.

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tad-29 ta' Ottubru 2013 b'risposta għall-ilment tar-rikorrenti (Nru R/485/13), li tirrifjuta l-għoti ta' pensjoni tal-manteniment tas-superstiti wara l-mewt tal-ex konjuġi tagħha;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2014 — ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-7/14)**

(2014/C 85/49)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti:* ZZ (rappreżentant: A. Salerno, avukat)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tnaqqas għal sentejn minflok tliet snin għal sentejn l-estensjoni tal-kuntratt tar-rikorrenti bħala membru tal-persunal temporanju.

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-18 ta' Lulju 2013 li tnaqqas minn tliet snin għal sentejn l-estensjoni tal-kuntratt tar-rikorrenti bħala membru tal-persunal temporanju mogħtija permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Novembru 2011;

— tistabbilixxi l-ammont ta' EUR 45 000, flimkien mal-interessi moratorji, bħala l-ammont tal-kumpens li jkun dovut lir-rikorrenti f'każ li l-Kummissjoni tkun, legalment, fl-impossibbiltà li tintegrha mill-ġdid għal perijodu ta' sena;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha.

Rikors ippreżentat fit-31 ta' Jannar 2014 — ZZ vs BEI**(Kawża F-8/14)**

(2014/C 85/50)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentanti: A. Senes u L. Payot, avukati)*Konvenut:* Il-Bank Ewropew tal-Investment**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

Annulament tad-deċiżjoni li tirrifjuta lir-rikorrent il-promozzjoni mill-kariga F għall-kariga E.

Talbiet tar-rikorrent

— jannulla d-deċiżjoni tal-Kumitat ta' Attribuzzjoni tat-23 ta' Ottubru 2013;

— jikkundanna lill-BEI għall-ispejjeż.